# 2. Il-Festa ta' San Nikola

## 100 SENA ILU

## Mit-Tnejn 2 ta' Diċembru sal-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 1901

***Il-ġurnata tas-6 ta' Diċembru kienet u għadha minquxa fil-qalb ta' wlied is-Siġġiewi kollha, kemm dawk li joqogħdu s-Siġġiewi, kif ukoll dawk f'lokalitajiet oħra. Il-Kunsill Lokali ried ifakkarha billi semma "Triq is-6 ta' Diċembru" f'waħda mit-toroq ġodda li nfetħu f'dawn l-aħħar snin.***

JIKTEB JOSEPH SCHEMBRI

Qabel ma nbniet il-knisja parrokkjali preżenti kien hemm knisja oħra magħrufa bħala l-Knisja l-Qadima (li għad fadal it-tiġrif tagħha), u li tinsab fi triq imsemmija għaliha. Terġa' flok din il-Knisja l-Qadima, kien hemm knisja oħra eqdem minnha, iddedikata wkoll lil San Nikola ta' Bari. Fl-inħawi ta' madwar is-Siġġiewi fil-qedem kien hemm sitt knejjes oħra ddedikati lil San Nikola. In-naħa ta' San Niklaw kien hemm raħal żgħir magħruf bħala San Niklusi, li kien jagħmel parti mis-Siġġiewi, u li fih kienet tinsab knisja ddedikata lil San Nikola. Ħal Niklusi, ismu miegħu ifisser "ir-raħal ta' San Nikola". Sa l-aħħar gwerra dinjija (1939-45) qassis mis-Siġġiewi kien għadu jmur iqaddes hemm u jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tal-bdiewa ta' dawk l-inħawi.

Il-festa ta' San Nikola kienet ssir għal mijiet ta' snin fil-jum proprju għażiż tagħha u kienet tiġi ffesteġġjata b'solennità kbira. F'dawn l-aħħar ħamsin sena, m'għadniex nagħmlu l-festa fil-ġurnata liturġika tagħha, imma xorta waħda għadna ngħożżuha. Dan il-jum għadu jitfakkar b'funzjonijiet speċjali fil-knisja, u anki barra l-knisja bid-daqq tal-banda u bil-logħob tan-nar.

Il-festa ta' San Nikola tax-Xitwa, ftit li xejn kienet tirnexxi minħabba l-maltemp li kien jagħmel. Għall-festa kienu jsiru ħafna spejjeż kbar biex isebbħu l-Knisja u s-Siġġiewi. L-aħħar sena li fiha ġiet iċċelebrata l-festa fix-xitwa kienet nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru 1950.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-popolazzjoni tas-Siġġiewi kienet 3,265 li minnhom kienu 1635 rġiel u 1630 nisa, jiġifieri anqas minn nofs il-popolazzjoni tal-lum. Dak iż-żmien il-festa ta' San Nikola kienet popolari ħafna għaliex skond l-antenati tagħna kienu jiġu nies minn irħula ohra biex igawdu l-festa. Il-bdiewa Siġġiwin kienu jaħdmu fir-raba' tagħhom sa nofs inhar ta' lejlet il-festa, u mbagħad jieqfu biex jiċċelebraw il-festa tal-patrun. Mitt sena ilu l-festa tal-patrun ġiet iċċelebrata mit-Tnejn 2 ta' Diċembru sal-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 1901. Waqt li kont qiegħed inqalleb xi gazzetti antiki fil-biblijoteka tal-Belt ltqajt ma' dan it-tagħrif miktub minn Ġ. Mifsud fuq ***"Il-Festa tat-Tawmaturgu San Nikola fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi."***

Dwar il-ħruġ tal-vara min-niċċa ma nsibu xejn. Insibu li l-festa ta' San Nikola kienet mifruxa fuq ħamest ijiem, mit-Tnejn 2 ta' Diċembru sal-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 1901.

Il-festa bdiet bi Tridu Solenni, fejn kien ippriedka l-Patri Lettur Gundisalvu Camilleri, Dumnikan. **"Il-priedki li niseġ b'ġieħ tat-tawmaturgu San**

VIVA
SAN NICOLA TA BARI

# TIFHIR
## LILL GRIR KADDIS
# SAN NICOLA TA BARE
## FIL JUM TA FESTA TIGHU
### FIS 6 TA DICEMBRU 1911

Difensur tal Chnisia 'mkaddsa
Geit imfahhar cullimchien
Nixtiek uisk li chif jisthokkloc
Nista infahhrec ucoll jen

Mill'eretici u mid-demoni
Char vittori inti gibt
Bil miracli, u 'l kauua tighec
Id-dinja collha ghaggibt.

Chif l'avvis min tal chefria
Giè min Ario ippublicat
Biex jintaku gio Nicea
Iskfiet, ghorrief culhatt.

Bilgri mort ghal gió Nicea
Chif bil bxara inti smait
U b'curagg ta guerrier kauui
Koddiem Ario inti tlait.

Colloc heggia u b'kalb ferhana
Lil eretici icconfondeit
Gió Nicea fil conciliu
Gherf, kdusitec inti urcit.

Ario deher collhu killa
Koddiem dauca l'iskfiet
Compla ifisser l'eresia
Biex iuakka lilhom riet.

B ienen ghoi minghair biza
Tid-disputa mighu bdeit
U bil gherf li zeinec Alla
Il kerk tighu fis urcit.

Alla uihed tliet persuni
Uahda mill'ohra mghazulin
Nar u ilma mil maduma
Fis malair geu mghazulin.

Chif ghamilt dana 'l miraclu
Fil conciliu ta Nicea
L'iskfiet bghakou mistghagba
Minnec hadu chira idea.

Fgat gio demmu 'l chiefer Ario
U ir-rabiat bdac ic-cianfir
F'calzri xehtec l'ictar uahxi
Frigleic ctajen b'tant tmakdir

Izda fis Anglu mis-sema
Giech fil calzri hemm izur
U bdiz-ziara irbalt 'l kauua
Tal crudil ingannatur.

Biex nehhilec cull tbatia
Ctajen hallec mir-rigleic
U Gesù Ommu Maria
Geu mis-sema ucoll hdeic

Fost il ferh, u il cant tal Angli
Int fil calzri cont tinsab
Daul, u dia, fatha, hergia
Mistghagbin bigha culhatt.

Geit imlibbes ta Arciskof
Min Maria Omm min t'Alla
Malli sama Costantino
Mil giol calzri lilec talla.

Ma min Int o ta... ... ...
O ghageb tal ghegiubjet
Meta geit sabiex tispira
L'Angli ucoll geu Mis-smeuuiet.

Chif cull grazzi f'hajtec, f'meutec
Int lkait il midimbin
Min cull mard int li'n ... ehles
Biex naslu feinec ferhanin.

Nihil obstat. Die 21 Octobris 1911.
CAN. V. CARUANA Cens. Theol.

Stampat ghand C. Zerafa 89 Str. Sta Teresa Bormla

(Ma nafux isem l-awtur ta' din il-poežija li dehret 90 sena ilu.)

# MID-DJARJU TA' L-IMGHODDI



kien jiflaħ minħabba l-età kbira tiegħu, tħabat u rsista hafna biex il-festa tirnexxi.

Ġie mfaħħar ħafna l-armar tal-knisja minn barra u minn ġewwa, kif ukoll l-armar tal-pjazza li ta' kull sena tiżżanżan xi ħaġa ġdida. Il-ġmiel tal-knisja minn ġewwa mlibbsa bl-aħjar ilbies ġiet imxebbha ma' għarusa fil-jum tat-tieġ tagħha.

**Nikola kienu tassew ta' min jammirahom, u għalhekk ġie mfaħħar ħafna minn kull min kien semgħu, għall-ħlewwa u l-għerf tiegħu, u aħna b'qalbna kollha nifirħulu."**

Lejlet il-festa, it-Transulazzjoni bir-relikwa ta' San Nikola ġiet immexxija mill-Viċi Kappillan il-Kanonku Dun Mikiel Farrugia, megħjun mill-kleru kollu taħt id-Direzzjoni taċ-ċerimonier Dun Ġużepp Cutajar (Il-viċi kappillan kien joqgħod f'numru 86, Triq Santa Margerita, is-Siġġiewi.)

Jum il-festa beda bil-Matutin Solenni. Il-Quddiesa Kantata ġiet ikkonċelebrata mill-Kan. Dun Mikiel Farrugia. Wara l-Evanġelju niseġ il-Paneġierku Dun Pawl Gauci li kien għalliem fis-Seminarju, eżaminatur u viċi-Segretarju fil-Kurja. ***"F'dan il-Paneġierku wera tassew kemm kien kapaċi billi għaġġeb u għaxxaq lil kull min semgħu."***

Il-Mużika kienet taħt id-direzzjoni tal-Professur Nani, u għalhekk jistħoqqlu kull tifħir, għaliex il-Primi Vespri kif ukoll il-Quddiesa Kantata rnexxew ħafna; fihom ħadu parti l-aħjar kantanti tat-Teatru.
Wara nofs inhar is-"Secondi Vespri" u l-purċissjoni tar-relikwa u l-istatwa ta' San Nikola tmexxew mill-Viċi-Kappillan, il-Kan Dun Mikiel Farrugia u mill-kelru kolu tal-Parroċċa, taħt id-Direzzjoni taċ-Ċerimonier. Il-purċissjoni spiċċat bil-Benedizzjoni Sagramentali.

F'jum il-festa ngħata tifħir liċ-ċerimonier Dun Ġużepp Cutajar u lill-Prokuratur Dun Nikol Zammit li għalkemm ma tantx

Fil-festa ħadu sehem il-**Banda San Nikola**, dik ta' Birkirkara u d-**Duke of Edinburgh** tal-**Birgu**. Ilkoll flimkien daqqew u taw pjaċir lil kull min semagħhom. Pawlu Tonna mis-Siġġiewi ngħata prosit taż-żewġ ġiġġifogi u għad-disinji u l-kuluri sbieħ li kellhom.

**Fl-aħħarnett ingħata t-tifħir u prosit lill-Mro Ġużeppi Spiteri u lil shabu li tħabtu u rsistew biex ġabru l-flus sabiex il-festa tirnexxi. Il-poplu kollu tas-Siġġiewi ġie wkoll imfaħħar għall-impenn u l-ħeġġa li biha iċċelebra din il-festa.**

Riferenzi:
Malta Today, 22 ta' Diċembru 1901